



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.2.2014  
COM(2014) 78 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA  
Taqsimha III – Il-Kummissjoni**

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA  
Taqsimi III – II-Kummissjoni**

Wara li ġie kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, adottat fl-20 ta' Novembru 2013<sup>2</sup>,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1 għall-baġit tal-2014.

### **BIDLJET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

Il-bidliet għad-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsimha huma disponibbli fuq il-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

---

<sup>1</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L XX, 20.2.2014, p. 1.

# WERREJ

TOC

## 1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għas-sena 2014 jikkonċerna għadd ta' aġġustamenti tekniċi għall-istruttura tal-baġit u r-rimarki, li huma meħtieġa biex jimplimentaw sew il-baġit tal-2014 f'konformità mal-aħħar deċiżjonijiet leġiżlattivi u l-orjentazzjonijiet politiċi, inkluża l-ħtieġa immedjata li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. Il-baġit emendatorju huwa mingħajr effett fuq il-baġit, mingħajr bidla fil-livell ġenerali tan-nefqa. L-elementi ewlenin inklużi huma dawn li ġejjin:

- L-aġġustamenti meħtieġa biex tiġi implimentata l-proposta ta' żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew ta' Investiment (FEI)<sup>3</sup>;
- Bidliet li joħroġu mill-bażi legali għal Orizzont 2020<sup>4</sup>, li ġie adottat f'Diċembru tal-2013, wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2014;
- Il-ħolqien tal-istruttura baġitarja għall-imprezza konġunta proposta Shift2Rail.<sup>5</sup>

## 2. FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT (FEI)

Il-punt 26 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 isejjaħ għal żieda fil-kapaċità ta' titjib fil-kreditu tal-FEI, u b'risposta għal dan, il-FEI huwa mistenni li jżid b'mod sinifikanti l-garanzija ġenerali tiegħu u l-iskopertura għall-kapital ta' riskju matul is-snin li ġejjin, mill-2014 'il quddiem.

F'Novembru 2013, il-Bord tad-Diretturi tal-FEI approva l-ħsieb wara żieda sa EUR 1.5 biljun fil-kapital sottoskritt mill-FEI, li minnu se jiġi allas 20%. Dan jimplika s-sottoskrizzjoni ta' 450 sehem addizzjonali mill-UE. Is-sottoskrizzjoni tal-UE ta' ishma ġodda tal-FEI ssir fuq perjodu ta' erba' snin li jibda fl-2014. Ir-riżorsi meħtieġa huma stmati għal madwar EUR 170 miljun, ibbażati fuq projezzjonijiet tal-FEI għall-iżvilupp tal-prezz tal-ishma tiegħu matul il-perjodu tas-sottoskrizzjoni 2014-2017, u l-użu propost tad-dividendi tal-FEI riċevuti mill-UE bħala dħul assenjat. Il-Kummissjoni ppreżentat separatament proposta leġiżlattiva<sup>6</sup> biex iżżid il-kapital tal-FEI. It-tibdiliet proposti f'dan l-abbozz ta' baġit emendatorju huma skont il-proposta leġiżlattiva.

Il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel użu ta' approprjazzjonijiet previsti għal strumenti finanzjarji taħt programmi eżistenti fi ħdan l-Intestatura 1a tan-nefqa tal-QFP (*Kompetittività għat-ikabbir u l-impjiegi*), partikolarment il-COSME u Orizzont 2020, biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament.

L-oġġettivi ġenerali tal-programm COSME jinkludu li tissaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibilità tal-intrapriżi tal-Unjoni, partikolarment l-SMEs, u jkunu promossi l-ħolqien u t-tkabbir tal-SMEs. Il-FEI, permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' kapital garanzija u riskju jirsisti biex jilħaq l-oġġettiv li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament, partikolarment tal-SMEs. Barraminnekk, il-FEI jirsisti biex jilħaq oġġettivi oħra tar-Regolament COSME, bħall-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-kultura intraprenditorjali. L-attività tal-FEI hija maħsuba wkoll biex ittejjeb l-aċċess għas-swieq, speċjalment fi ħdan l-Unjoni.

<sup>3</sup> COM (2014) 66, 6.2.2014.

<sup>4</sup> Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

<sup>5</sup> COM(2013) 922 finali, 16.12.2013.

<sup>6</sup> Ara n-nota f'qiegħ l-paġna 3 hawn fuq.

Fir-Regolament Orizzont 2020, l-istrumenti finanzjarji huma msemija bħala s-sors ewlieni ta' finanzjament għal attivitajiet qrib tas-suq li huma appoġġjati taħt Orizzont 2020. Għandha tingħata attenzjoni partikolari li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni adegwata tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) kif ukoll l-impatti tar-riċerka u tal-innovazzjoni fuqhom, tul l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Il-prijorità “*Tmexxija industrijali*” fiha objettiv speċifiku imsejjaħ “*Aċċess għal finanzjament ta' riskju*”, li fiha l-FEI għandu rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-Orizzont 2020<sup>7</sup>.

It-tisħiħ tal-bażi tal-kapital tal-FEI se tikkontribwixxi biex ikun żgurat li l-FEI jista' jwassal l-appoġġ maħsub għall-programmi COSME u Orizzont 2020. Fil-baġit tal-2014, dan jimplika t-trasferiment fuq il-partita tal-baġit relevanti tal-FEI tal-ammont korrispondenti previst għall-ewwel pagament annwali (EUR 42.5 miljun).

It-tabella ta' hawn taħt turi l-bidliet proposti għall-baġit 2014, li l-effett nett tagħhom huwa newtrali fuq il-livell globali tan-nefqa.

*(f' miljuni ta' EUR, ċifri approssimattivi fil-prezzijiet attwali)*

Isem	Baġit 2014		Abbozz tal-Baġit emendatorju No 1/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE1/2014)	
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
01 04 01 01 – Fond Ewropew għall-Investment – Provediment ta' ishma mħallsa ta' kapital sottoskritt	-	-	+42,500	+42,500	42,500	42,500
02 02 02 – Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) f'forma ta' ekwità u dejn	161,907	87,914	-21,250	-21,250	140,657	66,664
08 02 02 02 – Titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju għal investment fir-riċerka u l-innovazzjoni	384,814	326,766	-21,250	-21,250	363,564	305,516
<b>Totali</b>	<b>546,721</b>	<b>414,680</b>	<b>0,0</b>	<b>0,0</b>	<b>546,721</b>	<b>414,680</b>

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li temenda r-rimarki tal-baġit għall-Artikolu 850 tal-baġit *Dividendi mħallsa mill-Fond Ewropew Ta' Investment* biex jakkomodaw id-dħul assenjat, u b'hekk jiġu allinjati mad-deċiżjoni proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill relatata maż-żieda fil-kapital tal-FEI.

### 3. HORIZON 2020

Biex l-istruttura tal-baġit tiġi allinjata mal-bażi legali ta' Orizzont 2020 adottat f'Diċembru 2013, wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2014, hemm bżonn numru ta' bidliet biex tiġi kkunsidrata l-qasma riveduta tal-appropriazzjonijiet bejn l-azzjonijiet indiretti u l-azzjonijiet diretti tar-riċerka. Dawn jinkludu l-ħolqien ta' żewġ linji ġodda tal-baġit, għall-allinjament tar-rimarki tal-baġit ta' numru ta' linji tal-baġit u, f'xi każijiet, it-tikkettar rivedut ta' xi linji baġitarji. Id-dettalji sħaħ huma pprovduti fl-anness tal-baġit għal din l-ittra ta' emenda. L-aġġustamenti huma newtrali fir-rigward tal-baġit, u huma miġbura fil-qosor fit-tabella t'hawn taħt:

*(f' miljuni ta' EUR, ċifri approssimattivi fil-prezzijiet attwali)*

Isem	Baġit 2014		Abbozz tal-Baġit emendatorju No 1/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE1/2014)		Noti
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	

<sup>7</sup> Dawn, b'mod partikolari, se jkunu s-suċċessuri tal-Istrument tal-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) li jipprovdu garanziji għall-SMEs, li huma mistennija li jkunu jeħtieġu kontribuzzjoni tal-Kummissjoni mill-Orizzont 2020 li tiżboq l-EUR 700 miljun u allokazzjoni ta' kapital tal-FEI sa massimu ta' EUR 350 miljun, bil-għan li tiġbed sa EUR 8 biljun ta' self. Barra minn hekk, taħt il-programm Orizzont 2020, il-FEI se jimplementa faċilità ta' ekwità fi stadju bikri b'allokazzjoni baġitarja tal-UE ta' madwar EUR 400-450 miljun u livell xieraq ta' koinvestment mir-riżorsi tal-FEI.

(f' miljuni ta' EUR, ċifri approssimattivi fil-prezzijiet attwali)

Isem	Baġit 2014		Abbozz tal-Baġit emendatorju No 1/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE1/2014)		Noti
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	
02 04 03 02 - Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	138,347	10,866			138,347	10,866	Isem rivedut
08 02 03 02 - Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi bijo	204,042	22,468	-2,269		201,773	22,468	Isem rivedut u s-sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
08 02 03 06 - Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflettivi	193,408	17,626	-59,384		134,024	17,626	Isem rivedut u s-sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
08 02 04 01 - Xjenza mas-soċjetà u għaliha	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.	Isem u nomenklatura riveduta
08 02 04 02 - Tixrid tal-eċċellenza u twessigħ tal-parteċipazzjoni			66,906	5,253	66,906	5,253	Linja għida
09 04 01 01 - It-tisħiħ tar-riċerka fl-FET — Teknoloġiji Futuri u Emerġenti	246,003	10,301	-6,922		239,081	10,301	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
09 04 03 02 - Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflettivi	77,973	0,505	-39,857		38,116	0,505	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
09 04 03 03 - Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri			46,779	p.m.	46,779	p.m.	Linja għida
10 01 05 01 - Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u aġenti temporanji fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020	138,577	138,577	-1,877	-1,877	136,700	136,700	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
10 01 05 02 - Persunal estern li jimplimenta programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020	32,731	32,731	-0,331	-0,331	32,400	32,400	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
10 01 05 03 - Nefqa oħra tal-immuniġġjar għall-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni — Orizzont 2020	59,870	59,870	-1,706	-1,706	58,164	58,164	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
10 01 05 04 - Nefqa oħra għal infrastrutturi kbar ġodda — Orizzont 2020	3,339	3,339	-1,339	-1,339	2,000	2,000	Sors ta' approprjazzjonijiet għal linji ġodda
<b>Totali</b>	<b>1.094,290</b>	<b>296,283</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>1.094,290</b>	<b>296,283</b>	

#### 4. SHIFT2RAIL

Fis-16 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail<sup>8</sup> (Impriża Konġunta S2R). L-S2R mistenija titwaqqaf għal perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2024 skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Se tikkondividi d-dispożizzjonijiet standard tal-proposti tal-ħames Impriżi Konġunti tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta ppreżentati f'Lulju 2013.

B'mod parallel, u kif diġà sar għall-impriżi konġunti l-oħra, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien tal-istruttura baġitarja xierqa, inklużi l-linji rilevanti tal-baġit u l-pjan korrispondenti ta' stabbiliment. Iż-żewġ linji ġodda tal-baġit huma proposti: 06 03 07 33 – *Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta – Nefqa*

<sup>8</sup> COM(2013) 922 finali, 16.12.2013.

ta' appoġġ u 06 03 07 34 — Shift2Rail (S2R) Impriża Konġunta. Dawn it-tibdiliet huma konformi mal-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill propost mill-Kummissjoni f'Diċembru li għadda.

In-nefqa amministrattiva marbuta mal-persunal tal-Impriża Konġunta (JU) biex tiġi mmaniġġjata parti mill-appropriazzjonijiet operazzjonali skont Orizzont 2020 se tkun kompletament ikkumpensata minn tnaqqis korrispondenti tan-nefqa għall-appoġġ amministrattiv taħt Orizzont 2020 fil-Kummissjoni, biex b'hekk in-nefqa amministrattiva totali taħt Orizzont 2020 tibqa' l-istess. Għaldaqstant, huwa propost li jiġi mmobilizzat mill-ġdid il-kontribut ta' EUR 480 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament bħala appoġġ tal-linja tan-nefqa 06 03 07 33 minn linji tan-nefqa tal-baġit tal-appoġġ amministrattiv eżistenti tal-Orizzont 2020.

Fir-rigward tan-nefqa operazzjonali fl-2014, EUR 52 miljun se jkunu impenjati taħt il-Programm ta' Ħidma tat-Trasport 2014-2015 ta' Orizzont 2020, kif kien indikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva korrispondenti, filwaqt li wieħed jistenna t-tnedija tal-Impriża Konġunta S2R. Il-ġestjoni ta' dawn l-attivitajiet u l-estimi korrispondenti, kif ukoll ta' xi ammonti eventwalment mhux impenjati wara sejħiet għal proposti, se jittieħdu mill-Impriża Konġunta S2R ladarba din tikseb kapaċità operattiva suffiċjenti. Ma hemm l-ebda ħlasijiet previsti fl-2014 dwar l-impenji operazzjonali. Għalhekk huwa propost li tinżamm entrata pro memoria ('p.m.') kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' appropriazzjonijiet ta' pagament.

Dawn it-tibdiliet huma mqassra fit-tabella t'hawn taħt:

(f' miljuni ta' EUR, ċifri approssimattivi fil-prezzijiet attwali)

Isem	Baġit 2014		Abbozz tal-Baġit emendatorju No 1/2014		Baġit 2014 (inkl. ABE1/2014)	
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
06 03 07 33 - Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) — Nefqa ta' appoġġ	mhux applikabbli	mhux applikabbli	+0,480	+0,480	0,480	0,480
06 03 07 34 - Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R).	mhux applikabbli	mhux applikabbli	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
06 01 05 03 - Nefqa oħra tal-immaniġġjar għall-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni – Orizzont 2020	0,892	0,892	-0,336	-0,336	0,556	0,556
08 01 05 03 - Nefqa oħra tal-immaniġġjar għall-programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni – Orizzont 2020	37,629	37,629	-0,144	-0,144	37,485	37,485
<b>Totali</b>	<b>38,521</b>	<b>38,521</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>38,521</b>	<b>38,521</b>

Waqt li s-sejħa tal-2014 għal proposti tnediet mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-istruttura l-ġdida tal-JU għandha ssir operattiva malajr kemm jista' jkun sabiex tkun tista' tieħu f'idejha l-ġestjoni tal-proġetti ladarba jiġu approvati. Barra minn hekk, l-istruttura l-ġdida se jkollha tħejji pjan ta' ħidma li jista' jintuża bħala bażi għal sejħiet għal proposti futuri sa mill-2015. It-twaqqif tal-JU fil-ħin biex dan jintlaħaq se jirrikjedi li numru ta' persunal jistabbilixxi d-dokumenti u l-proċeduri amministrattivi, legali u tekniċi kollha meħtieġa sabiex tiżgura li l-JU jkollha l-kapaċità operattiva biex timplimenta l-baġit tagħha stess. Fl-2014, huwa stmat li minimu ta' 6 membri tal-persunal se jkunu meħtieġa, inkluż id-Direttur Eżekuttiv, Kap tal-Unità (AD grad aġenti temporanji), kif ukoll 4 Aġenti Kuntrattwali li huma previsti li jiġu rreklutati minn Ġunju 2014. Peress li l-persunal se jkun gradwalment introdott aktar tard matul is-sena, l-appropriazzjonijiet mitluba biex ikopru n-nefqa relatata ġew ikkalkulati fuq il-bażi ta' medja ta' preżenza ta' erba' xhur fl-2014.

## 5. TIBDILJET TEKNIĊI OĦRA

Wara emenda vvutata mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fuq il-Baġit tal-2014 ddeċieda li jżid l-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-Artikolu 05 08 80 tal-artikolu tal-baġit 05 08 80 *Parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Espożizzjoni Dinjija 2015 'Ngħalfu l-Pjaneta — Enerġija għall-Ħajja'* f'Milan b'EUR 1 miljun meta mqabbel mal-abbozz tal-baġit. Din l-emenda kienet imfassla biex



tippovdi finanzjament inizjali ta' tħejjija u għal stadji ta' programm xjentifiku EXPO 2015 li jinvolvi l-kompilazzjoni tad-dejta tal-linja bażi għall-għanijiet ta' appoġġ ta' politika. Sabiex tippermetti l-użu ta' dak l-ammont addizzjonali għall-għan maħsub, huwa propost li jiġu emendati r-rimarki tal-baġit skont dan.

Barra minn hekk, hemm tliet partiti tal-baġit li jirrigwardaw il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji fit-Titolu 21 Żvilupp u Kooperazzjoni, li ġew ippreżentati fil-baġit tal-2014 b'sing twil "—" għaż-żewġ approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. Madankollu, dan għandu jiġi kkoreġut biex is-singijiet jiġu sostitwiti b'entrata pro memoria "p.m.", peress li fit-tliet każijiet, il-ħlasijiet jistgħu xorta iridu jsiru fl- 2014. Il-linji tal-baġit in kwistjoni huma kif ġej: Partita 21 04 77 02 — *Proġett pilota — Forum tas-Soċjeta` Ċivili UE-Russja*; Partita 21 04 77 03 — *Proġett pilota — Iffinanzjar għall-vittmi tat-tortura*; u Partita 21 05 77 02 — *Azzjoni Preparatorja — Reazzjoni ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw*.